# Snajja' Tradizzjonali Għawdxin - Is-Sajd [5]

*Ikompli mal-Ħarġa tar-Rivista tas-Sena l-oħra (2018)*

✍ Victor Grech

Is-sajjieda kienu jagħmlu użu minn bosta għodod tas-sajd li għalkemm għaddew annati kbar baqgħu jintużaw illum. Dan juri kemm kienu għodod ivvintati b'intelliġenza u esperjenza tant li għadhom effettivi llum minkejja l-avvanz teknoloġiku li sar matul iż-żmien.

Ilestu l-kannizzati u xibka





Fi żmien il-lampuki, is-sajjieda kienu jorbtu weraq tal-palm u xkejjer biex jagħmlu ċattri wisgħin u twal u kienu jeħduhom flimkien ma' għadd ta' kantuni fuq il-luzzijiet u skejjen 'il barra ħafna xħin jiefqu, jorbtu ċattra bil-ħbula tan-najlon mal-kantuni ħalli ma tantx titbiegħed mill-post bil-mewġ u kurrenti u jitfgħuha fil-baħar. Kienu jpoġġu bandiera fuqha biex is-sidien tagħha jingħarfu. Din kienet tissejjaħ ċima. Is-sajjieda kienu joħorġu iktar 'il barra u jagħmlu iktar ċimi. L-iskop kienu u għadu għax hekk għadhom jagħmlu s-sajjieda tal-lum, li l-lampuki u l-infanfri jidħlu għad-dell tal-kannizzata kif hi msejħa ċ-ċattra. Is-sajjieda jdawru ċ-ċattra u jaqbdu l-gzuz ta' lampuki miġbura għad-dell tagħha. Il-lampuki kienu jitpoġġew f'kavetti bis-silġ ħalli jibqgħu kesħin u friski għal bosta sigħat.






Il-parit huma tliet ħitan ta' xbieki li jitniżżlu fil-qiegħ tal-baħar ħdejn il-kosta x'aktarx baħar intern li jkun bejn 10 u 30 metru fond għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar u jittellgħu fis-sitta ta' filgħodu l-għada. Fiż-żewġ ħitan, (fix-xibka) ta' barra kien ikun hemm 140mm bejn għoqda u oħra waqt li fil-ħajt – xibka tan-nofs tkun bla qtugħ. Dawn ikunu bejn 2 metri u żewġ metri u nofs fondi u 120 metru twal. Is-sajjieda kienu jorbtu erba' jew ħames pariti wara xulxin. Il-pariti kienu jintużaw fix-xitwa meta s-sajjieda ma kinux joħorġu jistadu 'l barra u kienu jaqbdu muletti, qarnit u siċċ. Il-parit skritt kien fih għeżula 'l fuq mill-parit ħalli jinqabad ħut tan-nofs minbarra dak tal-qiegħ bħal vopi u kavalli. Wieħed jirrimarka li l-parit għadu jintuża fl-aħjar.

L-istess nistgħu ngħidu għall-konz. Dan kien jikkonsisti f'linja twila b'bejn sitt mitt u seba' mitt sunnara llixkati bis-sawrell. Dawn il-linji kienu jiġu mgerrba f'basket ċirkulari u s-snanar jiġu mwaħħlin ma' sufrun fuq xifer il-basket. X'aktarx il-konz kien jitniżżel f'postijiet bil-blat f'fond ta' bejn 90 u 130m. Jinqabdu denċi komuni, awrat u pandora komuni.

Is-sajjieda kellhom nases għal diversi ħut bħal nases tal-vopi, nases tal-arznell u nases tal-qarnit. In-nassa tal-vopi kienet tkun tal-qasab imqattgħin f'strippi fini u maħdumin f'forom ovali. X'aktarx jużaw lixka bil-ħobż. In-nassa għall-qarnit kienet issir bix-xibka tal-wajer tat-tiġieġ u kienet tkun f'forma rettangulari. Ġieli kienu jagħmlu 150 nassa ħdejn xulxin illixkati bis-sawrell. In-nases tal-arznell għandhom l-iskop li



jaqbdu l-arznell b'mod speċifiku, huma magħmulin mill-qasab tal-kejn u jintużaw Għawdex biss.

Fl-1748, il-Granmastru Pinto introduċa x-xibka għat-tonn magħrufa bħala tunnara biex taqbad tonn tal-pinen blu. Din il-ħuta tiġi mill-oċean Atlantiku u tpassi għall-baħar Mediterran mill-Istrett ta' Ġibiltà fil-perjodu Mejju, Ġunju u Lulju. Din it-tunnara kienet titbierek meta ġiet imqiegħda l-ewwel darba l-Mellieħa u tiġi ankrata b'ankri kbar ta' 4400 kilogram kull waħda. Kienet tikkonsisti f'żewġ xbieki massivi magħmulin mill-palm tal-kowkonat b'serje ta' nases weqfin ankrati bil-kantuni u miżmuma weqfin b'xi 500 baga jew sufruni u xi 30 ankra marbutin bil-mażżri. It-tonn kien jgħaddi minn kamra għal oħra sa xħin jidħol fil-kamra tal-mewt li kellha art orrizzontali msejħa kampina. Is-sajjieda msejħin baħrin kienu jużaw il-luzzu, il-barkazza u l-iktar ix-xieru li kien dgħajsa miksija bil-qatran, sittin pied twila u misjuqa bl-imqadef minn kru ta' erbgħin. Luzzu tas-sinjal kien jintuża biex permezz ta' lampi kienu juru fejn hi t-tunnara. Il-baħrin kienu jtellgħu ix-xibka tal-mewt, iħallu t-tonn jitħabat sa xħin jitlef saħħtu, u wara jtellgħuhom wieħed wieħed.

Matul iż-żmien is-sajjieda tgħallmu mill-esperjenza f'liema postijiet isibu ħafna ħut u x'tip ta' ħut isibu. Kienu ġeneralment jimmarkaw il-post billi jżommu sinjal fiss mal-art bħal xi knisja, torri, għar jew blata. Pereżempju l-knisja tan-Nadur kienet isservi ta' sinjal biex isibu d-'Darsa' li kienet ponta ' isfel mill-għerien ta' Kemmuna waqt li l-knisja tal-Mosta kienet sinjal biex isibu s-'Sulla' tal-Gżejjer. Il-knisja tan-Nadur kien tiffaċilità s-sejba tal-għerien ta' Kemmuna. Fejn Ta' Ċenċ bi dritt it-Torri ta' Kemmuna hemm post ieħor tajjeb ħafna għas-sajd. Dawn il-postijiet tajbin għall-ħut u għas-sajd kienu jissejħu msajjad (Singular masjad). Malli s-sajjied kien joqrob lejn il-masjad kien josserva ż-żewġ ponot magħżulin li jservuh bħala sinjali, iġibhom ma' xulxin, u jkala ftit 'l hemm jew 'l hawn biex jittanta xortih u jesplora l-potenzjal tal-madwar u possibilitajiet oħra ta' qbid ta' ħut. B'hekk is-sajjied kien jinqeda b'sistema prattika u sempliċi la darba kienet għadha 'l bogħod is-sistema tal-GPS tal-lum. Postijiet tajbin għall-kannizzati kienu bejn il-ponot – sinjali Kemmunett u Ras il-Qala, u l-knisja tan-Nadur u t-Torri ħdejn Daħlet Qorrot.



*It-tunnara fil-Mużew tat-Tunnara fil-Mellieħa*